Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**ID-DISGĦA LEĠISLATURA 2024**

**SEDUTA NUMRU 2**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar il-Ġimgħa 19 ta'Lulju fl-10.30am

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

*Din is-Seduta saret b'urġenza fuq talba tas-Sindku. Għal din is-Seduta kien hemm preżenti wkoll il-Perit A. Valentino li se jkun qed jispjega l-iżvillup propost bħalissa.*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**1.1 L-Art ta' wara l-binja tal-Kunsill fi Triq il-Keffa k/ Triq il-Qantar u Triq it-Terz**

Is-Sindku rringrazzja lil kull Kunsillier li attenda għal din is-Seduta minkejja li din ma saritx fil-ġurnata u l-ħin tas-soltu.

B'referenza għall-oġezzjoni li l-Kunsill isottometta skont ma ġie mifitiehem fl-aħħar Seduta ( anessa wkoll ma' dawn il-Minuti), is-Sindku nfroma li huwa jħoss li hemm bżonn li residenti kollha bi ħġarhom għandhom jgħinu kemm jistgħu lil Kunsill sabiex flimkien naħdmu b'qawwa favur lil din l-art (immarkata bl-oranġjo) tinxtara mill-Gvern Ċentrali.




Is-Sindku nforma li l-pubbliku fadallu biss sa 26 ta'Lulju biex jissottometti l-oġezzjoni tiegħu u għaldaqstat huwa vitali li l-pubbliku jkun infurmat sew dwar:

- X'inhu l-pjan tal-Kunsill għal din l-art
- X'inhu jiġi propost bħalissa mis-sidien
- U jekk kemm-il darba t-talba tal-Kunsill tintlaqa' x'se jkunu l-benefiċċji kemm għar-residenti kif ukoll għar-residenti tal-lokalitajiet tal-madwar

Is-Sindku ssuġerixxa li li din l-art tinxtara u tinbidel fi spazju miftuħ għall-pubbliku kif ukoll fis-sular ta' isfel jiġi mibni Regional Culture Centre b' teatru. Jemmen bi sħiħ li dan jkun ta' benfiċċju kbir għar-residenti kollha ta' lokalitajiet kollha ta' dan ir-Reġjun. Il-Viċi Sindku ppropona wkoll li jekk jkun possibli jitħaffer iktar l'isfel u jsir wkoll parkeġġ għall-karozzi. Kien hemm qbil dwar dawn il-proposti.

Is-Sindku talab lil Perit Valentino sabiex jidħol aktar fi dettal tal-proġett propost minn naħa ta' l-iżvillupatur. Il-Perit Valentino nforma li l-applikant applika sabiex l-art mkejla 1505sq mtr tiġi żvillupata f'appartamenti, ħwienet kummerċjali kif ukoll spazju miftuħ. Il-Kunsillier M. Abela staqsiet jekk hemmx xi indikazzjoni kemm se jkun kbir l-ispjazu miftuħ. Il-Perit informa li dan se jkun madwar 50% ta' l-area.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**1.2 L-Art ta' wara l-binja tal-Kunsill fi Triq il-Keffa k/ Triq il-Qantar u Triq it-Terz**

Il-Kunsillier M.Balzan indika li jekk kemm-il darba dan l-iżvillup jsir, il-lokalita' se tkun qed titlef opportunita' kbira u għalhekk huwa bżonnjuż li ningħaqdu kollha flimkien mar-residenti sabiex din l-art titgawda minn kullħadd. Huwa staqsa jekk hemmx il-possibilta' ta' espropjazzjoni. Is-Sindku nforma li huwa ma jħossx li din tkun ġusta peress li din l-art hija totalment privata u għalhekk is-sidien għandhom jiġu kkumpensati bil-valur ta' din l-art. Is-Sindku nforma li proġett bħal dan għandu jkun wieħed mill-proġetti ewlenin ta' Project Green peress li dan jirrefleti eżatt l-għan ta' din l-entita'. Is-Sindku kompla billi dan il-kumpens lis-sidien jista' jkun f'diversi forom fosthom:

- Project Green tħallas il-prezz maqbul mas-sidien
- Jsir tpartit ta' l-artijiet anke forsi f'xi żoni oħra
- Tingħata *concession* għal xi sular ieħor lil dan l-iżvillupatur

Il-Kunsillier T.Valentino qalet li għalkemm hija taqbel perfettament ma' din il-proposta, tħoss li m'għandha qatt tiġi kkunsidarta li tingħata xi tip ta' consession peress lil din il-proposta tmur assultament kontra l-prinċipji ta' dan il-Kunsill kif ukoll temmen li jekk kemm-il darba jiġri hekk se tkun qed toħloq preċident ikrah ħafna. Il-Kunsillier M. Abela u A. Pisani qablu wkoll li din il-proposta żgur mhux waħda adekwata.

Il-Kunsillier R. Scicluna issuġeriet li tiġi ppreparata stqarrija għall-istampa sabiex din tintbagħat minnufih lil midja lokali ħalli nqajjmu aktar għarfien. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsillier E. Rossignaud nforma li flimkien mal-Kunsillier R.Scicluna se jkun qed iħejji din l-istqarrija. Is-SE infurmat li hekk kif din tkun ffinalizzat se tinbagħat lil midja kollha lokali bejn għada u l-Ħadd.

Ġie ssuġeriet wkoll li tinbagħat ittra lil kull residenza dwar din il-materja. Is-SE infurmat li qegħdin tard ħafna biex tiġi fformolota din l-ittra, jsiru madwar 4k kopji u titqassam fil-ħin ( qabel is-26 ta'Lulju) f'inqas minn ġimgħa. Kien hemm qbil li jsiru t-tentattivi kollha biex naraw il-possibilita' li titqassam fil-ħin anke ma' kumpaniji privati ( barra Maltapost).

Il-Viċi Sindku nforma li jista' jkun li dawn ma jkunux biżżejjed peress li l-ġurnalisti jeħtieġu xi ħaġa iktar li tagħmel ħoss sabiex jirrapurtawha. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa li nhar it-Tnejn filgħodu niltaqgħu kollha quddiem l-art u nħejju filmat sabiex jintbagħat wkoll lil midja lokali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din is-Seduta spiccat f' nofs in-nhar u kien hemm qbil unanimu

li s-Seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta'Lulju fl-16.30.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv